MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**FRANCESCO DEPASQUALE**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2012

Avviz Numru. 9/2011

**Kummissarju tat-Taxxi Nterni**

**Vs**

**Andrew Vella**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ta' Andrew Vella pprezentat fis-7 ta' Jannar, 2011 fejn espona illi fl-24 ta' Dicembru, 2010 kien gie notifikat b'ittra ufficjali u dikjarazzjoni guramentata ghall-fini tat-talba skont l-artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ai termini tal-istess artikolu r-rikorrenti kien qed jitlob lil din il-Qorti li jiddikjara t-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni bhala nfondata fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:

1. Illi t-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni hija preskritta ai termini tal-artikolu 2156 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. Illi bla pregudizzju l-ebda ammont mhu dovut peress illi r-rikorrent gie notifikat bin-notifika tal-likwidazzjoni fl-24 ta' Dicembru 2010 jigifieri ben sitt snin wara t-trasferiment in kwistjoni, ghalhekk l-ebda ammont mhu dovut peress illi hu qatt ma nghata opportunita' li joggezzjona bil-miktub sabiex jikkontesta l-likwidazzjoni.
3. Illi bla pregudizzju l-ebda ammont mhu dovut peress illi l-Perit Arkitett li gie nkarigat sabiex jivvaluta l-post in kwistjoni m'ghamilx valutazzjoni professjonali u dan kif ser jirrizulta ampjament waqt l-andament ta' dan ir-rikors.

Ghalhekk ghar-ragunijiet premessi, l-esponenti talab bir-rispett lil din il-Qorti sabiex tiddikjara t-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni bhala nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni pprezentata fil-11 ta' Frar 2011 fejn espona illi in linea preliminari din il-Qorti mhix vestita bil-kompetenza li tissindaka l-quantum tal-likwidazzjoni finali u konklussiva rapprezentanti taxxa u taxxa addizzjonali kif qed jippretendi r-rikorrent fir-rikors promotur. Liema sindakar jista' jsir biss a tempo debito skont il-procedura stipulata fil-Kap. 364 u cioe tramite Appell minn Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva minn avviz ta' rifjut ta' oggezzjoni tal-esponent fi zmien tletin (30) gurnata ai termini tal-artikolu 58 tal-Kap. 364 u appell fil-Qorti tal-Appell fi zmien tletin (30) gurnata ai termini tal-artikolu 59 tal-imsemmi att.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-allegazzjonijiet u l-pretenzjonijiet tar-rikorrenti huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti li qed jigu elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin:

1. L-azzjoni tal-esponenti ghal gbir tat-taxxa dovuta mhijiex preskritta kif qed jallega r-rikorrenti fir-rikors promotur.
2. Kif ser jigi ppruvat waqt is-smigh tal-kawza, ir-rikorrent gie notifikat bl-avviz ta' likwidazzjoni fit-28 ta' Settembru 2005 u ghalhekk kellu kull opportunita li joggezzjona kif trid il-Ligi.
3. Illi l-allegazzjoni tar-rikorrent li r-rikorrent ingaggjat mid-dipartiment sabiex jaghmel il-valutazzjoni tal-proprjeta in kwistjoni, m'ghamilx il-valutazzjoni professjonali hija ghal kollox infondata.
4. Illi l-likwidazzjoni finali u konklussiva tat-taxxa u taxxa addizzjonali fuq document u trasferiment ai termini tal-Kap 364 tal-Ligijiet ta' Malta hija gusta u skont il-Ligi u hija dovuta mir-rikorrenti fl-intier taghha.

Salv eccezzjonijiet ohra. Ghalhekk l-esponent talab bir-rispett li din il-Qorti joghgobha tichad t-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjes.

Rat id-digriet tal-14 ta' Frar fejn il-Qorti kif diversament presjeduta appuntat il-kaz ghall-4 ta' Mejju ghall-provi kollha rikorrenti. Rat illi fl-4 ta' Mejju, 2011 s-seduta ma sehhitx peress illi l-Qorti dak iz-zmien kif ippresjeduta giet elevate ghall-kariga ta' Imhallef u ghalhekk is-seduta ma setghatx issir.

Rat illi fit-22 ta' Gunju, meta l-kawza ntsemghet minn din il-Qorti kif inhi presjeduta, l-kawza giet differita sal-11 ta' Novembru ghall-provi kollha tal-partijiet u fil-11 ta' Novembru, ir-rikorrenti Andrew Vella nforma l-Qorti li ried jirregola l-posizzjoni tieghu mal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni.

Rat illi fl-14 ta' Dicembru 2011, ir-rikorrent u l-avukat tieghu ma dehrux u wara illi l-Kummissarju tat-Taxxi Nterni pprezenta affidavit ta' Ivan Portelli, flimkien ma' dokumentazzjoni u nota ta' riferenzi, il-provi kollha gew meqjusa maghluqa u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-24 ta' Frar, 2012.

Rat illi minn dakinhar ma saret ebda tentattiv iehor sabiex jersaq biex titwaqqaf l-ghoti tas-sentenza u jressaq xi provi ulterjuri.

Rat l-affidavit ta’ Ivan Portelli fejn huwa stqarr illi fis-17 ta’ Novembru 2004, is-sezzjoni tal-Capital Transfers Duty fi hdan id-dipartiment tat-taxxi rceviet avviz fejn gie dikjarat li permezz ta’ kuntratt ta’ permuta, il-konjugi Andrew James u Rita Vella kienu akkwistaw il-fond 23, gja 21 Triq il-Kapuccini Kalkara, kif ukoll 22 fl-istess triq versu valur liema post kellu jkun bhala l-unika post ta’ residenza tal-koppja Vella versu l-valur ta’ erbghin elf Liri Maltin jigifieri tlieta u disghin elf mija u hamsa u sebghin ewro (€93,175).

Sussegwentment fil-11 t’Ottubru 2004 mar il-perit imqabbad mid-dipartiment u ddikjara li l-proprjeta attwalment hija ta’ valur hamsa u hamsin elf Liri Maltin, jigifieri mija u tmienja u ghoxrin, mija u hmistax-il ewro (€128,115).

Sussegwentement fit-28 ta’ Frar, 2005, inharget notifika ta’ likwidazzjoni li ntbaghatet lir-rikorrent Andrew Vella, illi din giet lura bhala unclaimed.

Illi, sussegwentement mir-ricerki li ghamel l-istess dipartiment irrizulta li l-indirizz skont ir-registru elettorali 2004 u Ottubru 2005, l-indirizz kemm ta’ Andrew James Vella u kemm ta’ Rita Vella kien Cottage d’Amour, Triq Hal Far, Zurrieq.

Fit-28 ta’ Settembru 2005, l-avviz gie ippustat by hand minn ufficjal tar-revenue security corps fil-fond tas-sur Vella.

Sussegwentement is-sinjuri Vella ma pprezentaw l-ebda oggezzjoni u ghalhekk il-kont mahrug sar finali u konklussiv skont id-disposizzjoni tal-artikolu 60 tal-Kap. 364.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Illi l-Qorti ma tistax ma tinnutax illi fil-proceduri odjerni, r-rikorrent ghalkemm kellu kull interess illi jipprocedi bil-kaz u jressaq il-provi tieghu, qatt ma ressaq ebda prova da parti tieghu dwar x'attwalment gara u kullma ghamel kien li talab differimenti sabiex il-posizzjoni tigi regolarizzata b'mod illi l-Qorti ma tistax ma tqisx li l-proceduri odjerni kienu ntizi unikament sabiex il-process jigi mtawwal inutilment.

Il-Qorti ma tistax ma tinnutax ukoll illi l-istess rikorrent kien ghamel proceduri simili versu ittra ufficjali ohra mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxi Nterni, liema proceduri jgibu avviz numru 10/2011 u li gew decizi fit-28 ta' Settembru, 2011.

Illi l-Qorti wara li rat il-konkluzjonijiet ta' dik il-Qorti, taghmel taghha il-konkluzjonijiet hemm milhuqa peress illi l-eccezzjonijiet imressqa mir-rikorrent ghall-ittra ufficjali mertu tal-kawza odjerna, ossia 6539/2009 huma identici ghal dawk ikkontemplati fil-kawza gja deciza minn Qorti ohra.

Illi di fatti ghall-ewwel eccezzjoni tar-rikorrenti hija illi l-kawza hija preskritta a tenur tat-2156. Ghal dak li jirrigwarda l-eccezzjoni, il-Qorti tinnota li mhuwiex minnu illi l-kaz huwa preskritt, peress illi l-perjodu preskrittiv huwa wiehed ta' hames snin u jirrizulta li l-likwidazzjoni saret konklussiva u finali bil-hrug tal-avviz ta' rifjut tal-oggezzjoni datata 20 ta' Settembru, 2005 u ghalhekk ma giex notifikat bin-notice of assessement wara li skada l-perjodu preskrittiv peress illi n-notifika ta' likwidazzjoni ma saritx fl-24 ta' Dicembru 2010 kif qed jallega r-rikorrenti izda saret fit-28 ta' Settembru, 2005.

Illi dwar l-eccezzjoni li l-Perit mqabbad mill-Gvern m'ghamilx xoghlu kif suppost, ir-rikorrent naqas milli jgib kwalsiasi tip ta' prova illi jissostanzja tali allegazzjoni u ghalhekk il-Qorti ma tqisx tali eccezzjoni bhala wahda valida.

Il-Qorti rat ukoll imbaghad l-eccezzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni fejn stqarr illi din il-Qorti mhix vestita bil-

kompetenza li tissindaka l-quantum tal-likwidazzjoni finali peress illi dina tista' tigi sindakata biss tramite appell ta' Revizjoni Amministrattiva fi zmien tletin gurnata (30) min-notifika tar-rifjut tal-oggezzjoni u Qorti tal-Appell fi zmien tletin (30) gurnata mid-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva.

Peress illi rrizulta li l-avviz tar-rifjut tal-oggezzjoni gie notifikat lir-rikorrent fit-28 ta' Settembru, 2005 u ghalhekk il-perjodu moghti lilu sabiex jikkontesta l-kontijiet ghadda u skadhielu allura din il-Qorti mhijiex kompetenti sabiex tiddeciedi dwar dan il-kaz illi hu ghazel li ma jiehux proceduri dwarhom.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti wara li rat il-provi mressqa u wara li rat il-Ligi relattiva, tqis illi peress li jidher car li r-rikorrent ma ezawriex r-rimedji lilu moghtija sabiex jikkontesta l-kont jekk huwa jikkonsidra tali kont bhala arbitrarju, tikkonkludi li din mhix il-forum idoneju fejn seta' jikkontesta tali kaz u ghalhekk it-talbiet rikorrenti ghandhom jigu rifjutati, filwaqt li l-eccezzjonijiet tal-intimat jigu milqugha. Il-Qorti tilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimat u tichad it-talba tar-rikorrent. L-ispejjes ta' din il-procedura ghandhom jigu sopportati mir-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------